**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2019.**

**Rikors nru: 392/2009 AGV**

AB (528174M)

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fis-16 ta' Dicembru 2009 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendi izzewwgu fis- 6 ta' Jannar 2001 u ghandhom tifla D ta' 8 snin – kienu sseparaw fit- 28 ta' Mejju 2007, b' kuntratt in atti Nutar- Dr. Liza Camilleri- Dok. B.

2. Illi minhabba dissidiji bejniethom il-Qorti kienet hatret lill-assistant socjali Therese Micallef biex thejji rapport dwar incidenti li nqalghu u access ghall-minuri- Dok C;

3. Illi wara li ffissat il-jiem u l-hinijiet tal-access mill-esponenti, li ma jaqblux ma' dak miftehiem fil-kuntratt Dok B- Micallef ghalqet ir-rapport taghha billi rrimarkat li l-kontendenti t-tnejn attendu sessjonijiet ta' counselling, mal-Agenzija Sedqa, kif ukoll li l-access jista' ikun rivedut wara sitt xhur jew sena. Skont l-istat tal-esponenti minhabba l-allegati abbuz tal-esponenti;

4. Illi filwaqt li l-esponent indirizza l-problemi tieghu – Dok D- kif ikun pruvat ukoll waqt il-kawza (ghalkemm mhux l-istess jista' jinghad ghall-intimanda), huwa jidhirlu li ma hemmx raguni ghala l-access ma ghandux ikun kif miftiehem fil-kuntratt Dok. B, izda ghalkemm l-esponenti talab li ssir medjazzjoni ma ntlahaqx ftehim u l-esponent inghata permess biex imexxi- Dok E.

Ghaldaqshekk, l-esponent jitlob lill-intimata tghid ghala din il-Qorti ma ghandhiex tordna li l-modalitajiet tal-access jergghu jmorru kif kien mifthiehem fil-kuntratt Dok. B.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, imharrka minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata CB, ID nru: 23478M, li tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha u tikkonferma :

1. Illi l-access tal-attur ghall-bint minuri tal-partijiet kif stabbilit permezz ta' kuntratt ta' seperazzjoni bejniethom datat 28 ta' Mejju 2007, fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Camilleri (Dok B), gie varjat permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta datati 30 ta' Dicembru 2008, 21 ta' Jannar 2009 u 10 ta' Awwissu 2009, liema kopji legali taghhom qeghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok RG 1, RG 2, u Dok RG3, rispettivament.

2. Illi effetivament ir-raguni ghal tali varjazzjoniijiet ma kienetx id-dizgwid bejn il-partijiet kif indikat mill-attur, izda unikament is-serje ta' incidenti illi sehhew partikolarment fil-presenza tal-minuri, dovuti ghall-vizzju ta' abbuz ta'droga u alkohol tal-konvenut, u ghall-fatt illi l-istess konvenut, anka sabiex jimpika mal-eccipjenti, kemm-il darba agixxa bi ksur tal-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt, u dana bi pregudizzju ghall-interssi tal-bint minuri tal-partijiet;

3. Illi l-attur jaghmel refernza ampja ghar-raport redatt minn Therese Micallef, l-ewwel social worker inkarigata minn dina l-Onorabbli Qorti, divesament preseduta (illi kopja tieghu diga' tinsab pprzenetata fl-atti tal-proceduri odjerni bhala Dok. C).

4. Illi b' dana kollu bl-intiza cara illi jizgwida lil dina l-Onorabbli Qorti, l-attur ma jaghmel l-ebda referenza ghall-rapport l-aktar ricenti datat 6 ta' Mejju 2009, redatt mis-Sinjura Josephine Pace Caruana, it-tieni social worker inkarigata f' dal-kaz. Kopja ta' dal-ahhar rapport qieghda tigi hawn annessa. Esebita u mmarkata bhala Dok RG 4. Fost affarijiet ohrajn l-isemmi rapport mhux talli jirraporta l-ammissjoni tal-attur stess illi jikkonsma l-alkohol fil-presenza tal-minuri meta jaf kemm il-minuri hija konxja dwar il-vizzju tieghu, izda sahansitra jirraporta x-xhieda ta' Manuel

Maggiani, social worker, fi hdan l-Agenzija Sedqa, illi nhar is-16 ta' April 2009, iddikjara illi l-attur ma kienx qieghed jaghraf il-problema illi huwa kellu bl-alkohol, u kwindi l-istess Agenzija ma setghetx tghin lill-istess attur;

5. Illi l-attur qieghed jipperetendi illi f' temp ta' hames xhur (Vide Dok D Anness mar-rikors guramentat tal-attur), huwa gheleb il-vizzju ta' abbuz tal-alkohol. Izda l-fatti huma xorta ohra. Effetivament, l-eccipjenti, taf kemm ghax gie informata minn terzi illi jafu liz-zewg partijiet, kif ukoll personalment, illi l-attur ghadu jabbuza mill-alkohol, u dana anka meta jkun fil-presenza ta' bintu l-minuri;

6. Illi bl-akbar rispett, l-esponenti tissotmetti illi zewg sessjonijiet ta' terapija bejn it- 12 u 17 ta' Awwissu 2009, kif indikat f' Dokument D ma humiex prova sufficjenti ta' allegazzjoni tal-attur illi huwa rnexxilu jeghleb il-vizzju tal-alkohol. Dan qiegehed jigi sottomess partikolarment in vista tal-fatt illi l-attur ma pproduca l-ebda prova ta' terapija jew progress tul il-perjodu bejn Awwissu u Dicembru 2009 u dana minkejja l-fatt illi l-kawza odjerna giet ipprezentata biss nhar is- 16 ta' Dicembru 2009;

7. Illi minn dan kollu jirrizulta kjarament in-nuqqas ta' kredibilita' tal-attur illi ghal darba ohra jittenta jqarraq b' dina l-Onorabbli Qorti sabiex bi pregudizzju kbir jekk mhux irredejabbli ghall-interessi ta' bintu jerga' jakkwista d-driittijiet illi huwa kellu ai temini tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet;

8. Ghaldaqtstant, l-eccipjenti tissotometti bir-rispett ili t-talba tal-attur ghandha tigi michuda u dana bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv eccezzjoniiiet ulterjuri.

Rat ir-rikors guramentat tal-konvenuta rikonvenjenti AB datata 12 ta' Frar 2010, fejn gie dikjarat is-segwenti;

A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI:

Illi l-kontendenti kkuntrattaw separazzjoni personali bejniethom nhar it- 28 ta' Mejju 2007 u dana skont ma jirrizulta mill-att relattiv fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri, illi kopja tieghu tinsab pprezentata fl-atti tal-proceduri odjerni bhala Dok B.

Illi permezz tal-imsmemi kuntratt tas-seperazzjoni personali, il-parijiet, fost kwistjonijiet ohrajn, ftiehmu dwar il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha ili ghandhom jiregolaw l-kura u kustodja u access ta' binthon minuri DB illi twieldet nhar l- 1 ta' Marzu 2001, u illum ghandha dizabilita ta' smiegh, illi tikkawzalha learning difficulties;

Illi skont klawsola 5, tal-imsemmi kuntratt, il-kura u kustodja tal-minuri DB, giet fdata unikament lill-konvenuta rikonvenjenti, b' dan illi z-zewg partijiet ghandhom setgha ta' genituri fuq binthom u ghandhom ghalhekk jiehdu konguntivament dawk id-decizjonijiet importanti kollha illi ghandhom x' jaqsmu mas-sahha, l-edukazzjoni u l-benessere tal-minuri;

Illi l-attur rikonvenut, qieghed bl-iktar mod irresponsabbli u sabiex jimpika mal-konvenuta rikonvenjenti, jabbuza minn dil-klawsola u dana bi pregudizzju ghall-minuri. Fost ohrajn, l-attur rikonvenut qieghed;

a. Jirrifjuta illi jiffirma d-dokumentazzjoni mehtiega sabiex tkun tista’ tigi inkarigata facilitator li tassisti lill-minuri fil-klassi u b’ hekk jittaffew il-learning difficulties illi l-minuri tiffaccja minhabba d-diffikulta’ ta’ smiegh u illi hija ghandha.

b. Minghajr ebda raguni valida qieghed jirrifjuta illi jiffirma d-dokumentazzjoni relattiva sabiex jinhareg passport ghall-minuri u b’ hekk dina tkun tista’ issiefer ma’ ommha ( safar illi mhux aktar frekwenti minn darbtejn fis-sena ) u dana minkejja l-fatt illi skont il-Klawsola 5 (ii) (b) tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejniethom , il-partijiet kien obbligaw irwiehom fil-konfront ta’ xulxin, illi jaghmlu dak kollu necessarju sabiex il-minuri dejjem ikollha passaport validu u;

c. Johloq tensjoni kbira fuq il-minuri kull darba illi dina tkun ma tiflahx (imqar b’ rih) ghaliex jinsiti illi dina tigi invistata ghat-tieni darba minn tabib tax-xelta tieghu;

Illi l-klawsoli 5 (iii), (v) u (vi), tal-istess kuntratt jirrilettu l-ftehim illi l-partijiet kienu lahqu dwar l-access tal-attur rikonvenut ghall-minuri. Effetivament, kien hemm diversi istanzi fejn l-attur rikonvenut, ma adderixxiex ruhu mal-ftehim patwit bejn il-partijiet. Aktar serju huwa l-fatt illi mid-data tal-imsemmi kuntratt sehhew diversi incidenti kemm minhabba l-fatt illi l-attur rikonvenjenti jkun taht l-influwenza tad-droga u tal-alkohol waqt illi l-minuri tkun ghal-access mieghu, kif ukoll minhabba l-pika tal-istess attur rikonvenjenti, illi ma humiex fl-interess tal-minuri, u dana skont mhu ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

Illi inoltre’ l-hinijiet ta’ access pattwiti fl-istess kuntratt qed jikkonfliggu mal-edukazzjoni u mal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, u dana

stante illi meta l-minuri tkun ghall-access mal-attur, dana la jippermetti lill-minuri biex taghmel il-homework, u lanqas ma jippermetti illi dina tmur ghall-attivitajiet extra-kurrikulari li jinzertaw waqt il-hinijiet ta' access mieghu;

Illi l-klawsola 5 (ix) tal-istess kuntratt tipprovdi illi l-partijiet jobbligaw ruhom illi ma jhallux lill-minuri wehidha fil-kura ta' terzi illi ma humiex familjari tal-partijiet. L-attur rikonvenut qieghed jinterpreta l-kawsola fis-sens illi l-minuri ma ghandhiex tohrog mill-hbieb taghha flimkien mal-genituri taghhom- bhal ma jaghmlu t-tfal kollha, specjalment dawk illi ma ghandhom huthom bhal D- u ghalhekk mixtieqa mill-kumpanija tat-tfal tal-eta' taghha. Effettivament, kien hemm accident fejn l-attur rikonvenut sahansitra seraq lill-minuri kontra r-rieda taghha mill-kura tal-genituri tal-hbieb taghha waqt illi dina kienet il-bandli;

Illi tali incidenti qeghdin joholqu tensjoni kbira fil-minuri, illi ghalkemm hija matura hafna ghall-eta' taghha, ghad ghandha biss disa' snin, u ghalhekk huwa assolutament fl-ahjar interess tal-minuri illi dawn il-klawsoli rigwardanti l-minuri jigu varjati;

Illi sabiex certament l-attur rikonvenut ma jakkuzax il-konvenuta rikonvenjenti illi qieghda tipprova tqarraq b' dina l-Qorti, l-istess konvenuta rikonvenjenti tipprofessa illi bhalissa hemm pendenti quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku, proceduri ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg bejn il-partijiet u l-konvenuta rikonvenjenti, ilha f' relazzjoni stabbli ghal dan l-ahhar sena u nofs. F' mohh il-minuri, huwa car illi l-attur rikonvenut, huwa u dejjem ser jibqa' missierha. Il-konvenuta rikonvenjenti ghandha l-hbieb illi terga' tizzewweg jekk iz-zwieg taghha jigi dikjarat

null, u ghalhekk tixtieq illi l-minuri jkollha l-possibilta' illi tibni relazzjoni mal-partner taghha;

Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarat huma kollha a diretta konoxxenza tal-konenut rikonvenjenti.

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F' DAL-PROCEDURI

Il-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex dina l-Onirabbli Qorti joghgobha, prevja n-nomina ta' dawk l-esperti illi jidhrilha xierqa jew opportuni, tvarja l-klawsoli kontenuti fil-kuntratt ta' seperazzjoni personali bejn il-partijiet, datat 28 ta' Mejju 2007, fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Camilleri, kull fejn dawn jirrigwardaw il-kura, kustodja, setgha tal-genituri, fuq il-minuri DB, u l-access tal-attur rikonvenut ghall-istess minuri, u dana fl-ahjar interess tal-minuri.

C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant, il-konvenuta rikonvenjenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lil-attur rikonvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex;

1. Tvarja l-klawsoli tal-kuntratt ta' seperazzjoni personali bejn il-partjiet tat-28 ta' Mejju 2007, fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Camilleri, kull fejn dawn jikkoncernaw lill-minuri DB billi:

i. Tiddikjara u tordna fl-ahjar tal-interess tal-minuri u ai termini tal-artikolu 154 (1) (b) u (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-attur rikonvenut, minhabba l-imgieba tieghu, tilef id-dritt ta' setgha ta' genitur fuq il-minuri DB u illi kwindi l-konvenuta rikonvenjenti ghandha s-setgha illi tiehu wehidha id-decizjonijiet kollha rigward l-istess minuri, u konsegwentament tordna illi l-Klawsola 5 (i) tal-kuntratt ta' seperazzjoni, in kwistjoni tigi mhassra u sostitwita bis-segwenti:-

*That the said minor child shall from the duration of her minority remain subject to the parental authority, of the wife, who shall solely take all major decisions concerning the welfare, education and health of the said minor child'.*

ii. Tiddikjara u tordna fl-ahjar tal-istess tal-minuri illi klawsoli 5 (ii) (b) u (c) tal-kuntratt ta' seperazzjoni in kwistjoni jigu mhassra u illi klawsola 5 (ii) (d) tigi mhassra u sostitwita bis-segwenti:-

*The Wife shall have the authority to solely apply for the issue if a passport for the minor, and she shall freely to travel with the same minor from the Island of Malta and its dependences. In this regard the Mother obliges herself to ensure that whatever abroad, the minor contacts the Husband on a regular basis.*

iii. Tordna illi klawsoli 5 (iii) (a) u (b), ( vi), (vii) u (viii), jigu mhassra u prevja n-nomina ta' dawk l-esperti illi jidhirilha xierqa u opportuni sabiex jisimghu lill-minuri DB, taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji sabiex jigi regolat id-dritt ta' access tal-attur rikonvenut, ghall-minuri b' mod illi jirrifletti l-ahjar interessi tal-minuri u b' hinijiet fissi, u dana inkluz fi granet specjali, bhal ma huma festi tal-Milied, u

tal-Ewwel tas-Sena , l-Ghid, il-birthday tal-minuri, Jum il-Missier u l-Birthday tal-attur rikonvenut;

iv. Tordna illi klawsola 5 (ix) tal-kuntratt ta' seperazjzoni bejn il-partijiet tigi mhassra u dana fl-ahjar interess tal-minuri;

2. Twissi lill-attur rikonvenut, illi jekk huwa jibqa' jagixxi b' mod illi jivvjola l-klawsoli tal-kuntratt u/ jew jipperikola s-sahha jew il-benessere tal-istess minuri, u/ jew b' mod illi ma jkunx fl-ahajr interess tal-minuri, jista' ikun il-kaz illi huwa jitlef anka tali dritt tieghu ta' access u/ jew dina l-Onorabbli Qorti torda illi l-access jibda' jigi ezercitat taht supervizjoni;

3. Tinnoma Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci;

   Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-atti tal-medjazzjoni kontra l-attur rikonvenut illi jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-attur, debitament notifikat bil-kontro-talba tal-konvenuta, baqa' ma pprezentax risposta entro t-terminu moghti lilu bil-ligi, u ghalhekk gie dikjarat kontumaci;

Rat il-proceduri istitwiti fil-Qorti tal-Appell, fejn l-attur talab li jikkontesta l-kontumacja tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenuta, liema proceduri ntemmu u gew decizi kontra tieghu;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;

Rat li l-attur naqas milli jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, ghalkemm kien inghata diversi opportunitajiet jaghmel dan;

Rat id-dokumenti kollha u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda moghtija f'din il-kawza;

Rat ir-rapporti tad-diversi esperti fir-rigward tal-minuri;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta talba ghal bidla f'digrieti moghtija mill-Qorti rigward access versu minuri, u varjazzjoni f'kuntratt ta' separazzjoni. Il-medjazzjoni kienet infethet fit-30 ta' Novembru tal-2007, meta l-minuri kien ghad kellha biss sitt snin, u permezz ta' dawk il-proceduri l-omm kienet talbet li l-access versu l-istess minuri min-naha tal-missier, liema access kien miftiehem bejn il-partijiet permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 28 ta' Mejju 2007, jigi varjat. F'dawk il-proceduri kienet giet nominata 'social worker' Therese Micallef li kienet ipprezentat ir-relazzjoni taghha, u aktar tard kienet giet ukoll nominata Josephine Pace Caruana bhala 'social worker', u li kienet ukoll ipprezentat rapport, li a bazi tal-istess zewg rapporti kienu inhargu digrieti dwar modalita' ta' access. Sussegwentement, l-attur intavola kawza sabiex jigu revokati dawk id-digrieti hekk mahruga waqt il-medjazzjoni. Fir-risposta taghha, il-konvenuta ressqet ukoll kontro-talba fejn talbet lill-Qorti li l-klawsoli tal-kuntratt ta' separazzjoni rigwardanti l-access jigu varjati. Dan kollu sar meta t-tifla tal-partijiet kienet ghadha minorenni.

Illum it-tifla ghalqet tmintax-il sena, u ghalhekk kemm it-talba tal-attur, kif ukoll it-talbiet tal-konvenuta huma kollha ezawriti, peress illi dawn jikkoncernaw biss l-access versu t-tifla. Tul is-smigh tal-kawza tressqu diversi xhieda u gew prezentati diversi provi. F'dan l-istadju, izda, mhux aktar mehtieg apprezzament tal-provi fil-mertu, hlief ezami fil-qosor tal-andament tal-kawza ghar-rigward ta' spejjez. Il-kawza tressqet mill-attur fis-16 ta' Dicembru, 2009, kwazi ghaxar snin ilu. Tuli l-proceduri, kienet giet nominata l-psikologa Carmen Sammut sabiex tezamina lill-minuri u tirrelata dwar l-access l- ghandu jinghata l-attur versu bintu. Gew prezentati tlitt rapporti min-naha tal-psikologa, li giet ukoll eskussa b'mod estensiv mill-partijiet. Il-Qorti semghet ukoll lill-minuri kameralment. Il-provi gew dikjarati maghluqa mill-Qorti fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2016.

Permezz ta' rikors datat 19 ta' Lulju 2016, l-attur talab li jinghata l-opportunita' jipprezenta risposta ghall-kontro-talba tal-konvenuta, liema talba giet michuda mill-Qorti. Sar appell minn dik id-decizjoni, li ukoll giet deciza kontra l-attur b'sentenza datata 24 ta' Novembru, 2017. Il-Qorti finalment tat lill-attur terminu sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, izda naqas milli jaghmel dan. Il-konvenuta pprezentat in-nota taghha fil-15 ta' Jannar, 2019.

Kif gia' osservat il-Qorti, illum il-minuri ghalqet l-eta' ta' tmintax-il sena, u ghalhekk il-mertu huwa kollu ezawrit. Hija hasra kbira li dawn il-proceduri kellhom idumu daqshekk u ma gewx konkluzi qabel. Jidher li l-Qorti ghamlet minn kollox sabiex taghti opportunita' lill-minuri ssemma' lehinha f'dawn il-proceduri, u l-attur inghata diversi opportunitajiet ukoll sabiex jindirizza n-nuqqasijiet fir-relazzjoni tieghu mal-istess minuri, haga izda li ma rnexxilux jaghmel tul dawn il-proceduri. Kemm il-minuri kif ukoll l-attur inghataw hafna ghinuna minn diversi professjonisti, u l-Qorti tispera li dan sewa ta' gid ghalihom.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddikjara l-mertu tal-kawza ezawrit.

L-ispejjez huma kollha a karigu tal-attur.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**